# V.DA KONFRATERNITA

## TAL-B.V.M TAL-KARMELU

### A.D. 1801



10 ta' Lulju 2014

Ħuti Fratelli,

Reġgħet waslet il-festa tal-Madonna tal-Karmnu, il-festa tant għażiża għalina l-Karmelitani Żrieraq. Biex nitħejjew tajjeb b'mod spiritwali, il-Fratellanza, b'kollaborazzjoni sħiħa ma' l-Arċipriet, Dun Charles Attard, ħejjiet programm ta' funzjonijiet reliġjużi li jinfirex bejn il-23 ta' Ġunju u l-27 ta' Lulju fejn il-festa tilħaq il-qofol tagħha bil-laqgħa kbira li aħna ż-Żrieraq nagħmlu lill-Omm u Reġina tagħna, Marija Santissima, taħt it-titlu ferm devot u sabiħ tal-Karmnu.

Inħeġġiġkom biex tattendu numerużi għal Jum il-Fratellanza, li jaħbat nhar it-Tlieta, 22 ta' Lulju. Intom mitluba tkunu l-knisja fis-6.00p.m. biex lebsin il-konfratija u l-muzzetta tieħdu sehem fil-quddiesa kantata li warajha ssir il-Professjoni tal-Fratelli u Sorelli ġodda.

Nieħdu ħsieb nippreparaw ruħna kif inhu xieraq għall-festa tant għażiża tagħna billi nattendu għall-funzjonijiet kollha li jsiru fil-knisja, kif ukoll biex nimxu wara Ommna Marija fil-purċissjoni devota ta' nhar il-festa. Importanti ħafna li kull min jattendi għall-purċissjoni, l-aktar ir-reffiegħa u dawk tal-forċina, ikun liebes żarbun u kalzetti suwed. Importanti li l-fratelli kollha jkunu l-knisja sas-6.30p.m. peress li l-purċissjoni tibda ħierġa fis-7.00 p.m.

Bħal snin oħra komplejna bix-xogħol ta' restawr fuq l-armar li jżejjen il-knisja fil-ġimgħa tal-festa. Ta' min ifakkar li għadna għaddejjin bir-restawr u l-induratura mill-ġdid tat-tużell artistiku li jintrama fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Għal din is-sena is-Sur John Muscat tan-Naxxar lestielna wieħed mill-gwarniċuni tal-ġenb li se jkun għall-wiri ħdejn l-artal tal-Madonna tal-Karmnu is-Sibt 12 u l-Ħadd 13 ta' Lulju. L-ispiża finali tlaħħaq mad-€19,000 (Lm8,000 mill-antiki). Nitolbukom biex tkunu ġenerużi bħalma dejjem kontu. Grazzi ħafna.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi, f'isem il-Kumitat kollu tal-Fratellanza, nawgura lilkom u lill-familja tagħkom, il-FESTA t-TAJBA.

**Dejjem Tagħkom,**

**Joseph Buhagiar**
**Segretarju**